**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 13 ta' Frar, 2020**

**Rikors Guramentat numru : 90/19 AL**

**A B**
**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti C E D detentur tal-karta tal-identita` numru : 425397M kif awtorizzat b'digriet datat 14 ta' Marzu, 2019.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attriċi, li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-intimat, twieldu zewġt' itfal, Z D u R D fid-29 ta' Marzu, 2010 u dan skont l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala "Dok. CDL1" u "Dok. CDL2";
2. Illi ftit biss wara li twieldu l-minuri, l-imsemmi C E D telaq minn Malta u l-esponenti ma tafx fejn qiegħed jirrisjedi l-intimat (ara nota ġuramentata tal-esponenti annessa u mmarkata Dok. A);
3. Illi l-esponenti qed ikollha diffikultajiet sabiex tieħu ċertu deċizjonijiet fil-konfront tal-minuri u dan peress illi ma jeżisti l-ebda digriet formali li jakkoldalha l-kura u l-kustodja tal-istess;

4. Illi inoltre,l-esponenti m'hu qed jivversa l-ebda manteniment ghall-imsemmija minuri;
5. Illi l-esponenti hija konsapevoli tal-fatt illi ser tkun difficli għaliha li tenforza kundanna għal ħlas ta' manteniment izda tixtieq li l-posizzjoni tagħha tiġi regolata darba għal dejjem beix tipproteġi d-drittijiet tagħha u ta' uliedha;
6. Illi l-istess Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti sabiex tipproċedi bl-istanti b'digriet datat il-25 ta' Marzu, 2019 (anness u mmarkat Dok. B);
7. Illi għaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża;
8. Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Talbet li l-konvenut jew min minnhom, igħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna illi l-awtorita` tal-ġenitur fir-rigward tal-minuri Z D u R D tiġi vestita unikament fil-persuna ta' ommu l-istess rikorrenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Z D u R D esklussivament lill-esponenti;

3. Tordna illi l-minuri jirrisjedu b'mod esklussiv mal-esponenti;

4. Tawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti sabiex joħorġu passaporti għall-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-firma ta' missier il-minuri;

5. Tillikwida somma li tħoss xierqa pagabbli minn C E D lill-esponenti bħala manteniment għal uliedha, liema somma għandha tinkludi sehem l-imsemmi tal-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

6. Tikkundanna lil C E D ihallas lill-esponenti dik is-somma rappreżentanti manteniment hekk likwidat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuratur deputat Dr. Martin Fenech li permezz taghha eccepixxa (fol 13):

1.Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti r-risposta ulterjuri meta jkun jaf aktar fatti.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti ghandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bl-awtorita' ta' ġenitur u bil-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet, ossija l-minuri Z D u R D[1], imwielda t-tnejn li huma fid-29 ta' Marzu 2010. Hija qed titlob ukoll li l-intimat assenti jħallas il-manteniment għall-minuri.

Kull referenza għall-"konvenut" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrappreżentawh fl-assenza tiegħu.

**Provi:**

Ir-rikorrenti xehdet illi mir-relazzjoni li hija kellha mal-konvenut C D twieldu ż-żewġ ulied minuri Z u R, u illi missierhom il-konvenut, telaq minn Malta xi sitt snin ilu u rritorna biss xi sena u nofs ilu biex jiffirma l-passaport tat-tfal peress li kellha bżonn issifirhom. Kompliet tixhed li m'għandhiex kuntatt mal-konvenut, kellha n-numru tal-mobajl iżda dan m'għadux tajjeb, u x'aktarx li biddel in-numru għax m'għadhiex tista tikkuntatjah fuq dak in-numru. Kompliet tixhed li kien għamel xi żmien iċempel, iżda f'dawn l-aħħar sena u nofs kuntatt ta' xejn u lit-tfal ma jagħtihom xejn. Hija qalet li hawn oħt il-konvenut f'Malta, iżda din m'għandhiex idea fejn qiegħed il-konvenut.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża <u>Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli</u>[2], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-

---

[1] Certifikati tat-twelid tal-minuri Dok CDL1 u Dok CDL2 esebiti a fol 6 u 7 tal-process.
[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[3], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i  conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali  figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet  John Cutajar vs Amelia Cutajar et[4],  u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[5], illi  "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw  mill-provi tal-każ li jrid  jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[6].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.**" L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied**."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess.  L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

---

[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili  fit-8 ta' Dicembru 1858;
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti  Ċivili fit-28 ta'  Jannar 1956
[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[6] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.**

**(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.**

**(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.**

**(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.**

**(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust**.

<u>APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-konvenut ilu nieqes minn Malta u mid-dar fejn kien jirrisjedi mar-rikorrenti

u mal-minuri uliedu. Fil-fatt, ir-rikorrenti fix-xiehda tagħha, stqarret li l-konvenut ilu li telaq minn Malta sitt snin. Ir-rikorrenti xehdet ukoll li f'dawn l-aħħar snin, il-konvenut żgur li ma ħax ħsieb il-kura u kustodja ta' uliedu, u lanqas rahom jew ipprovda finanzjarjament għalihom, l-unika ħaġa li għamel kienet li madwar sena u nofs ilu kien ġie Malta u ffirma l-passaport tal-minuri, biex ommhom tkun tista' ssifirhom.

Għalhekk dwar il-kura u l-kustodja, wara li l-Qorti kkunsidrat li l-konvenut qabad u abbanduna lil uliedu mingħajr ma ħalla kuntatt tiegħu, tant li fl-

aħħar sena u nofs ir-rikorrenti ikkonfermat li ma semgħetx b'aħbaru, tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri Z u R għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn l-omm ir-rikorrenti, A B. Di piu`, il-Qorti kkunsidrat li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-għixien u t-trobbija tal-minuri fl-assenza tal-konvenut sa minn mindu l-minuri kienu żgħar. Din il-Qorti qegħda tiddeċiedi wkoll li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti weħedha mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u /jew il-kunsens tal-konvenut.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew introjtu tal-ġenitur iżda huwa obbligu assolut. Dan ifisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu. Għalhekk, l-obbligu tal-konvenut li jħallas il-manteniment għal uliedu, indipendentement mill-fatt hux jaħdem jew le minkejja li l-fatt li ma jirrisjedix Malta, jibqa' in vigore. In vista li l-konvenut ma jinstabx hawn Malta, ir-rikorrenti x'aktarx se tkun kostretta li teżegwixxi din is-sentenza barra l-ġurisdizzjoni ta' Malta, jekk kemm-il darba ssir taf fejn qiegħed jirrisjedi l-konvenut. Għalhekk, din il-Qorti tordna li l-manteniment għall-minuri Z u R dovut mill-konvenut lir-rikorrenti għandu jkun ta' Ewro 600 fix-xahar għaż-żewġt ulied, li jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u ta' edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri Z u R jagħlqu l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fil-każ li Z u R, ulied il-partijiet jibqgħu jistudjaw, fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm l-ulied jagħlqu l-eta` ta tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunke benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri inkluż children's allowance għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

<u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna li l-awtorita tal-ġenitur fir-rigward tal-minuri Z D u R D tiġi vestita unikament fil-persuna ta' ommhom, ir-rikorrenti A B.

2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Z D u R D esklussivament f’idejn ir-rikorrenti.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-minuri Z u R D jirrisjedu esklussivament mar-rikorrenti A B.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tawtorizża lill-awtoritajiet kompetenti sabiex joħorġu passaporti għall-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-firma ta’ missier il-minuri.

5. Tilqa’ l-ħames talba u tillikwida s-somma li C E D għandu jħallas fl-ammont ta’ Ewro 600 fix-xahar bħala manteniment għal uliedu liema somma tkun tinkludi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista’ jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju tal-konvenut. Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm l-ulied minuri jagħlqu t-tmintax (18)-il sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ li ulied il-partijiet jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time*, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm l-ulied jagħlqu t-tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

6. Tilqa’ s-sitt talba u tikkundanna lil C E D iħallas l-ammont fuq imsemmi fix-xahar bħala manteniment lir-rikorrenti għal uliedu minuri.

L-ispejjeż kollha jiġu sopportati mill-konvenut assenti b’dan li r-rikorrenti għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.